MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2015

Appell Civili Numru. 1707/1996/1

**L-Avukati Vincent Falzon u Giovanni Bonello**

**ghan-nom u bhala mandatarji tas-socjetajiet esteri**

**“Brumital S.P.A.” u “Sicilfond S.r.l.”**

**v.**

**Malta Investment Management Company Limited (MIMCOL)**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni li s-socjetajiet esteri pprezentaw fil-21 ta' Mejju, 1996, u li jaqra hekk:

> "Peress li bi skrittura privata datata 26 ta' Lulju 1993 (Dok. A) l-atturi nomine u s-socjeta' konvenuta MIMCOL ftehmu illi l-atturi kellhom jinghataw il-gestjoni tal-fonderija tal-Malta Foundry Limited ghal perjodu 9 ta' Awwissu 1993 – 31 ta' Marzu 1994 biex huma joperawha bl-akbar diligenza u mpenn fl-interess tal-istess fonderija u ghal dan l-iskop il-MIMCOL obbligat ruhha li tpoggi ghad-dispozizzjoni tas-socjetajiet attrici l-attrezzaturi, impjanti u materji primi ezistenti fl-istess fonderija kif ukoll il-haddiema li kienu jahdmu fl-istess fonderija; illi gie ukoll stipulat bejn il-kontraenti fost kundizzjonijiet ohra illi s-socjetajiet attrici jinghataw l-ozzjoni illi jakkwistaw l-imsemmija mpjanti u attrezzaturi "tale quale" kif ukoll il-materie prime u dan bil-prezz u hlas indikati fil-klawzoli (5) u (6) tal-istess skrittura; illi gie kondordat bejn il-kontraenti illi l-ozzjoni fuq imsemmija kellha tigi ezercitata mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 1994; illi s-socjetajiet attrici bdew jiggestixxu l-imsemmija fonderija skond l-obbligi minnhom assunti fl-imsemmija skrittura u dan konformement mal-kundizzjonijiet imposti fuqhom fl-istess skrittura; peress li b'ittra ufficjali tat-12 ta' Jannar 1994 (Dok. B) l-atturi nfurmaw lill-MIMCOL illi huma kienu qeghdin jezercitaw id-dritt tal-ozzjoni lilhom spettanti skond l-imsemmija skrittura u dan taht il-kundizzjonijiet stipulati fl-istess kuntratt; peress li fl-1 ta' Frar 1994 il-MIMCOL baghatu ittra lill-istanti b'risposta ghall-ittra ufficjali fuq imsemmija fejn interpellawhom biex jikkonsenjawlhom ic-cwievet tal-fonderija sal-31 ta' Marzu 1994 u ddiffidawhom milli jinsistu fl-ezercizzju tal-ozzjoni spettanti lilhom kif fuq inghad; illi in ezekuzzjoni tal-obbligi minnhom assunti l-istanti mportaw f'Malta sitt containers b'makkinarju ghall-fonderija li ma thallewx jigi wzat minnhom mill-MIMCOL u sal-lum dan il-makkinarju ghadu mhux qieghed jigi operat u qeda ssirlu hsara kbira; peress li l-imsemmija skrittura giet unilateralment, abuzivament u llegalment ripudjata u miksura mis-socjeta' konvenuta u bhala rizultat l-istanti sofrew u ghadhom isofru danni

konsiderevoli kif jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, konsistenti dawn id-danni f'*lucrum cessans* u *damnum emergens*;

"Tghid is-socjeta' konvenuta MIMCOL ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:

"1. Tiddikjara illi l-istess socjeta' konvenuta kisret illegalment, unilateralment u abuzivament l-obbligi minnha assunti bl-iskrittura tas-26 ta' Lulju 1993 kif fuq inghad;

"2. L-istess socjeta' konvenuta tigi dikjarata responsabbli tad-danni kollha sofferti mis-socjetajiet istanti;

"3. Tillikwida dawn id-danni jekk hemm bzonn b'opera ta' periti nominandi;

"4. Illi konsegwentement tikkundanna l-istess socjeta' konvenuta thallas id-danni hekk likwidati;

"Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tat-12 ta' Jannar 1994 u 22 ta' April 1996 kif ukoll tal-protesti gudizzjarji tat-8 u 22 ta' Frar 1994, 6 ta' April 1994 u 14 ta' Lulju 1994 u bl-imghax legali mill-1 ta' Frar 1994 sad-data tal-pagament effettiv;

"Il-konvenut huwa ngunt ghas-subizzjoni;"

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha esebiet illi:

"Illi t-talba attrici hi infondata fil-fatt u fid-dritt u l-azzjoni tal-attur nomine hi biss pretest biex jakkwista somma flus ghall-allegati danni minflok it-tkomplija ta' operazzjonijiet tieghu bl-intendiment u skop illi dan ikun aktar fruttiferu. In

> effetti kien l-istess attur nomine li indetreggja ruhu mill-ftehim u f'dan ir-rigward l-eccipjenti nomine minn issa jirrizervaw id-dritt li jirreklamaw id-danni proprji;"

Rat is-sentenza li tat il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-8 ta' Lulju, 2011, li in forza taghha cahdet it-talbiet attrici billi ma jirrizultax ppruvati fil-konfront tas-socjeta` konvenuta ebda responsabbilita`; bl-ispejjez kontra s-socjetajiet attrici;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Il-fatti ta' din il-vertenza huma centrati madwar skrittura jew ftehim bejn l-entita maghrufa bhala MIMCOL minn naha wahda u s-socjetajiet Taljani Brumital u Sicilfond minn naha l-ohra, datata 26 ta' Lulju 1993.
>
> "Hu importanti ghalhekk jigu riprodotti l-partijiet saljenti ta' dan il-ftehim li hu redatt bil-Taljan u biex il-kwistjoni tkun puntwalizzata bl-ezatt qed jigi riportati bil-lingwa originali fejn huma pertinenti ghal vertenza. Il-bazi tal-ftehim kien hekk:
>
>> "*Poiche il signor Aflred E. Giusti per conto della Malta Investment Management Company Limited (di seguito chiamata Mimcol) si impegna a dare una opzione alla Brumital/Sicilfond per accquistare, (1) gli impianti e le attrezzature su base tale quale che sono allocati nei locali di fabbrica della Malta Foundry Limited, (2) lo stock di materie prime della Malta Foundry e tutto questo alle seguenti condizioni*."
>
> "Il-kondizzjonijiet ta' tali opzjoni kienu s-segwenti:

“a. Brumital u Sicilfond kellhom sal-31 ta’ Marzu 1994 biex jezercitaw tali opzjoni. Il-prezz ghall-impjanti u makkinarju gie predeterminat fis-somma ta’ Lm100,000. Il-prezz tal-istock ta’ materja prima kellu jigi negozjat bejn il-partijiet fil-mument tal-kuntratt billi jintghazel l-inqas valur bejn dak tas-suq u dak tal-akkwist tal-istess stock. Il-hlas kellu jsir hekk: 50 fil-mija tal-prezz mal-iffirmar tal-kuntratt tal-akkwist, 25 fil-mija fi zmien sitt xhur u 25 fil-mija fi zmien sena, dejjem mid-data tal-kuntratt ta’ akkwist. Is-socjetajiet Taljani kellhom jaghmlu bank guarantee ta’ nofs il-prezz mill-iffirmar tal-kuntratt liema garanzija kienet ser taghmel tajjeb ukoll ghal program ta’ investiment li kienu ser jobbligaw ruhhom li jaffettwaw is-socjetajiet Taljani fi zmien sena mill-akkwist tal-proprjeta msemmija aktar l-isfel jekk jezercitaw l-opzjoni ta’ dan il-ftehim.

“b. Bejn id-9 ta’ Awwissu 1993 sal-31 ta’ Marzu 1994 il-’management’ (kelma originali uzata fil-ftehim) tal-Malta Foundry Limited kellha tigi afdata f’idejn Brumital u Sicilfond u ghal dan l-iskop il-MIMCOL ikkoncediet liz-zewg socjetajiet esteri l-uzu tal-attrezzaturi, impjanti u materja prima ezistenti f’dak iz-zmien fil-fabbrika, inkluz il-haddiema li kienu jahdmu fl-istess lok.

“c. Bhala manager Brumital u Sicilfond ma kienux ser jerfghu responsabbilta’ ta’ ’contabilita’ tal-Malta Foundry Limited li kienu ser jibqghu taht ir-responsabbilta’ tal-Bord tad-Diretturi tal-Malta Foundry Limited.

“d. Da parti taghhom Brumital u Sicilfond impenjaw ruhhom li jaghmlu l-manutenzjoni necessarja u riparazzjonijiet fl-impjanti u attrezzaturi ezistenti, liema xogholijiet kienu qed jigu stmati fis-somma ta’ Lm65,000 li kellhom jidhlu ghalihom is-socjetajiet esteri bhala l-kontribut taghhom f’dan il-kuntratt ta’ gestjoni. Pero il-’working capital’ kien ser jibqa’ jigi provdut mill-MIMCOL.

“e. Il-qliegh fil-perjodu tal-kuntratt kien ser jinqasam nofs bin-nofs bejn MIMCOL u s-socjetajiet esteri.

“f. Kemm il-darba s-socjetajiet Taljani jezercitaw l-opzjoni huma obbligaw ruhhom li jimpjegaw sittax-il persuna li kienu jahdmu mal-Malta Foundry Limited.

g. Jekk l-opzzjoni tigi ezercitata gie miftiehem hekk:

"*se l-opzione succitata sarà esercitata, la Brumital/Sicilfond si impegna a realizzare un programma di ammodernmaneto e di completamento degli impianti e delle attrezzature attualmente esistenti in fonderia. Detto programma sarà realizzato nel primario interesse della Brumital/Sicilfond in relazione all'andamento del mercato specifico e dovrà usufruire di tutte le provvidenze che la legge maltese preveder per le iniziative industriali, per cui il MIMCOL si adoperera' in tal senso in favore della Brumital/Sicilfond.*

"*Detto impianto sarà realizzato soltanto dopo che la Brumital/Sicilfond diverterà proprietaria dello stabilimento dove sono attualmente i macchinari della fonderia e se il MIMCOL assisterà pertanto la Brumital/Sicilfond nei suoi sforzi per acquistare dalla Malta Development Corporation l'Emphyteusis temporaneo della fabbrica presentemente occupata dalla Malta Foundry Limited.*"

h. F'kaz li ftehim ta' enfitewsi ma jsehhx allura l-partijiet dahlu s-segwenti kundizzjoni cioe`

"*se non si addivenisse nei termini alla vendita in enfiteusi dello stabilimento alla Brumital/Sicilfond il MIMCOL per quanto di sua competenza concederà la sublocazione dello stabilimento (mura e terreno circostante) al prezzo di Lm14,000 (quattordicimila).*"

"Dan kien il-ftehim milhuq bejn il-partijiet. Tajjeb pero li qabel issir kwalsiasi riflessjoni fuq il-kwistjoni legali li nsorgiet bejn il-partijiet, wiehed jara x'sehh qabel il-ftehim u aktar importanti dak li sehh wara biex il-partijiet waslu sa hawn.

"Ghalkemm ix-xiehda mhix cara fuq xi punti li din il-Qorti jidhrilha importanti bhala sfond ghal ftehim, jidher illi l-MIMCOL kienet l-azzjonista maggoritarja fil-Malta Foundry Limited, li skond Mario Mizzi, li dak iz-zmien kien senior manager fil-MIMCOL, kienet qeghda tokkupa l-fabbrika fejn kien hemm il-fonderija. Din il-fabbrika ma kienitx mikrija lil Malta Foundry Limited izda lil

Metalfond Limited, kumpanija b'interessi bejn il-gvern Malti, dak Algerin u dak Libyan li pero kienet fi stat ta' insolvenza u minhabba ragunijiet politici l-gvern Malti ma kienx f'pozizzjoni li jittermina l-kirja jew li jillikwida l-imsemmija kumpanija. Ghal dan l-iskop kienet giet ikkrejata l-Malta Foundry Limited biex tattira investiment barrani gdid u terga titqajjem il-fonderija. Il-Malta Foundry Limited kienet qed tuza l-fabbrika b'tolleranza biss. Il-proprjetarju tal-fabbrika jidher li kien il-Kummissarju tal-Artijiet li pero skond Dr. Michael Xuereb, manager tal-legal division tal-MDC ighid li proprjeta industrijali f'art pubblika kienet amministrata mill-MDC, skond il-ligijiet ta' dak iz-zmien.

"Skond l-istess Mario Mizzi, in-negozjati tal-MIMCOL ma' Brumital u Sicilfond bdew f'Lulju 1992 fejn dawn tal-ahhar urew l-interess li jakkwistaw in-negozju gestit mill-Malta Foundry Limited. Fil-fatt fl-ewwel xhur tal-1993, rapprezentanti tal-MIMCOL marru Sqallija u fi Frar 1993 sar rapport dettaljat mill-MIMCOL tal-istat tal-fonderija u f'Marzu intbaghat inginier da parti ta' Brumital u Sicilfond biex jaghmlu rapport ex parte w a bazi tieghu kkonfermaw li xtaqu jikkonkludu n-negozjati. Waqt in-negozjati s-socjetajiet attrici wrew ix-xewqa li jakkwistaw il-fond fejn kienet topera l-fonderija u gew indirizzati lejn l-MDC u saru negozjati diretti bejn il-Taljani u l-MDC, pero ghalkemm l-MDC offriet li tbiegh il-fabbrika jew fonderija bil-prezz ta' Lm300,000 dan ma giex accettat mis-socjetajiet attrici u l-ftehim ta' Lulju 1993 infatti sar kif sar. Fuq din l-ahhar kwistjoni Dottor Orazio Amato rappresentant ta' Sicilfond fl-affidavit tieghu saret referenza ghad-diskussjonijiet mal-MDC qabel il-ftehim mal-MIMCOL tas-26 ta' Lulju 1993 fejn l-MDC uriet id-disponibbilta li tbiegh il-fabbrika ghal prezz ta' Lm300,000 pero sar il-ftehim ta' Lulju 1993 pendenti akkordju fuq l-akkwist tal-fabbrika. Hu joqghod lura milli jghid jekk dan il-prezz giex accettat mis-socjetajiet Taljani. Bhala fatt jirrizulta li ma ntlahaq ebda ftehim fuq il-fabbrika fl-ebda stadju sa qabel l-iffirmar tal-ftehim ta' Lulju 1993 u lanqas wara, ghalkemm il-ftehim jaghmel referenza ghal prezz ta' xiri pero dan in konnessjoni mal-garanzija bankarja li kellhom jaghmlu l-istess socjetajiet esteri minghajr pero referenza ghal xi ftehim milhuq ta' akkwist ta' proprjeta.

"Is-socjetajiet esteri pero kienu ben konsapevoli illi MIMCOL ma kienetx il-proprjetarja tal-fond fejn kien qed jigi gestit l-operazzjoni tal-fonderija.

"F'dan l-isfond sar il-ftehim bejn il-MIMCOL u s-socjetajiet Taljani fis-26 ta' Lulju 1993, ftehim fejn is-socjetajiet Taljani nghataw l-gestjoni tal-Malta Foundry Limited bl-opzjoni li kellha tigi ezercitata sal-31 ta' Marzu 1994 illi jakkwistaw l-impjanti u stock tal-Malta Foundry bil-kundizzjonijiet ta' xiri indikat fl-imsemmi ftehim.

“Jidher li s-socjetajiet Taljani bdew jiggestixxu l-fabbrika minn Awwissu 1993 u jissema’ illi ghamlu xogholijiet fl-istess fabbrika kif miftiehem fl-iskrittura tas-26 ta’ Lulju 1993. Ghal habta ta’ Novembru pero jidher li kienu ser jinqalghu xi problemi, tant li l-kumpanija Brumital kitbet lil MIMCOL u l-MDC fejn qalet li semghet ghidut li l-Gvern Malti kien qed jistudja l-possibbilta li jutilizza l-fond fejn kien gestit l-operat tal-Malta Foundry Limited ghal uzu divers minn dak ta’ fonderija (ara ittra datata 26 ta’ Novembru 1993 Dok. MM1 fol. 481). Infatti jinghad ukoll fl-ittra illi anki f’dak iz-zmien, l-gestjoni kienet miexja tajjeb u probabbilment kienu lesti li jezercitaw l-opzjoni minghajr ma jistennew id-decizjoni tal-MDC rigward il-bejgh tal-fond pero bil-kundizzjoni li jkollhom kirja tal-istess fond ghal almenu ghaxar snin. Zied ukoll pero li tali tibdil fl-uzu tal-fond jirrendi inutili l-akkwist li kienu gia ghamlu ta’ makkinarju gdid ghal fabbrika.

“Ma jirrizultax x’inkontri setghu saru in segwitu ghal din l-ittra u Dottor Orazio Amato ghal Sicilfond fix-xiehda tieghu juri li ma kienx konsapevoli taghha pero izid li tul il-perjodu kollu ta’ gestjoni ma saret ebda trattativa mal-MDC ghax-xiri tal-fabbrika, u anqas saru ricerki dwar il-proprjeta.

“L-ewwel svolta li jidher mill-atti in segwitu ghal din l-ittra kienet l-ittra ufficjali tat-12 ta’ Jannar 1994 fejn is-socjetajiet Taljani ddikjaraw li riedu jezercitaw l-opzjoni ta’ xiri tal-impjant u stock skond il-ftehim ta’ Lulju 1993, ghal liema ittra irrispondew il-MIMCOL fl-1 ta’ Frar 1994 fejn issuggerew lis-socjetajiet Taljani jirrikunsidraw din it-talba minhabba li l-MDC kienet ghamlitha cara b’ittra tal-1 ta’ Frar 1994 stess li kienet ser tiehu lura pussess tal-fabbrika fil-31 ta’ Marzu 1994 (Dok. MM4 u MM5 a fol. 481 u 482).

“Minn hawn ’l quddiem il-kwistjoni hadet xejra negattiva hafna, ghaliex sadattant fi Frar kien wasal makkinarju mixtri mis-socjetajiet Taljani biex jintuza fil-fabbrika bhala parti mill-progett ta’ espansjoni tal-fabbrika, liema makkinarju ma thalliex li jinhareg mid-Dwana u jittiehed fil-fabbrika u dan fuq ordni tac-Chairman tal-MIMCOL Anthony Diacono billi kien ghad hemm l-incertezza ta’ x’ser jigri mill-fond okkupat mill-Malta Foundry, u in ogni kaz skond l-istess Anthony Diacono l-makkinarju kellu jinxtara wara l-akkwist tal-fond mhux qabel, skond il-kuntratt ta’ Lulju 1993 (ara Dok. MM7 u MM8 a fol. 491 u 492 tal-process).

“Ghaddew intimazzjonijiet gudizjarji bejn il-partijiet fejn is-socjetajiet Taljani ilmentaw mid-danni li kienu qed isofru u sabiex jigi finalizzat il-ftehim ta’ Lulju 1993. Il-MIMCOL irrispondiet li ma kellhiex oggezzjoni li jigi attwat il-ftehim ta’ Lulju 1993 cioe x-xiri tal-attrezzatura u stock, pero in kwantu ghal bini, billi l-MIMCOL ma kienitx il-proprjetarja u b’dan kienu jafu mill-bidu s-socjetajiet Taljani, il-MIMCOL ma tistax tinsab responsabbli ghad-danni (ara Dok. MM9 u MM10 a fol. 493 u 495 tal-process). Fl-istess interval pero bejn nofs Frar u l-bidu ta’ Marzu kienu qed isiru sforzi biex il-kwistjoni tizblokka ruhha. Anthony Diacono li, wara li sar Chairman tal-MIMCOL fi Frar 1994 sar ukoll Chairman tal-MDC ftit wara, ipprova, skond hu b’success, biex ikellem lil Ministru koncernat u anki l-Prim Ministru sabiex it-Taljani jinghataw il-facilita tal-akkwist tal-fabbrika u dan biex jigu evitati anki kwistjonijiet diplomatici mal-Italja. Hi jzid li rnexxielu jikkonvinci lil Prim Ministru li ghandu jigi onorat il-ftehim mat-Taljani u l-fabbrika tinghata lilhom u mhux lil terzi. Infatti l-ittra tas-17 ta’ Marzu 1994 (Dok. MM13 a fol. 500 tal-process) turi illi kien hemm il-konferma mil-MIMCOL illi l-progett tat-Taljani seta’ jitkompla f’Malta u kull ma kien jonqos x’jigi diskuss kien l-ammont ta’ kera (ghal fabbrika) skond il-ligi ta’ Malta. Sar ftehim li ssir laqgha Sqallija fejn marret delegazzjoni Maltija komposta minn ufficjali tal-MIMCOL u MDC fit-22 ta’ Marzu 1994 fejn iltaqghu ma’ rapprezentanti tas-socjetajiet Taljani. Hawnhekk rega’ qam disgwid bil-MIMCOL tallega illi s-socjetajiet Taljani riedu jbiddlu l-ftehim u ma ridux aktar li joperaw il-fabbrika wahedhom izda riedu li l-Gvern Malti jippartecipa b’49 fil-mija tal-ishma u dan minhabba li xtaqu garanziji li jibqghu jahdmu, wara l-problemi li kienu nqalghu, cioe danni ghat-telf ta’ ordnijiet godda, makkinarju sekwestrat, in-nuqqas ta’ garanzija fuq l-akkwist tal-fond.

“Tali bdil ta’ kundizzjoni ma kienitx accettabbli ghal MIMCOL. Skond Dottor Orazio Amato pero din ma kienitx kundizzjoni gdida izda proposta biex ikomplu bil-gestjoni. Fit-28 ta’ Mazu 1994 (Dok. MM16 a fol. 503 tal-process) il-MIMCOL baghtet ittra fejn irribadiet li s-socjetajiet Taljani kien ser ikollhom il-liberta tal-azzjoni f’Malta skond il-ftehim ta’ Lulju 1993 u illi l-kwistjoni rimanenti kienet biss l-iffissar tal-kera fejn anke l-MIMCOL uriet id-disponibilita li tiddiskuti fuq spazju izghar minn dak ezistenti fil-fabbrika biex is-socjetajiet Taljani jokkupaw biss dik il-parti li kellhom bzonn. Ghal din l-ittra l-Brumital irrispondiet f’fax tad-29 ta’ Marzu 1994 fejn uriet nuqqas ta’ fiducja fl-atteggjament fejn ma nghata ebda kunsiderazzjoni ghad-danni sofferti minnhom u talbu lil MIMCOL tinfurmahom kif is-socjetajiet Taljani kellhom jipprocedu ’l quddiem tenut kont ta’ dan (Dok. MM17 a fol. 505 tal-process).

“Fit-30 ta’ Marzu 1994 il-MIMCOL baghtet ittra responsiva lil Brumital fejn talbu lis-socjetajiet Taljani jirrikonsidraw il-pozizzjoni taghhom (Dok. K a fol. 74

tal-process). Fil-31 ta’ Marzu 1994 il-Brumital baghtet ittra fejn qalet li ma rieditx is-semplici garanzija tal-MIMCOL biex ikunu jistghu jahdmu f’Malta izda tal-Gvern Malti li ghandu jassumi r-responsabbilta ghal pregudizzju soffert minnhom.

“Intant informaw is-socjetajiet Taljani lil MIMCOL li s-socjetajiet Taljani kienu ser jissospendu l-attivita fil-fonderija fil-gimgha tal-Ghid u kienu qed jistennew li l-MIMCOL tirrevedi l-atteggjament taghha biex tigi ripristinata l-attivita industrijali fuq il-premessa ta’ indenizz tad-danni li sofrew s-socjetajiet Taljani (ara Dok. L a fol. 75 tal-process).

“Sadattant ma jidher li sehh xejn aktar ta’ relevanza bejn il-partijiet sakemm fil-5 ta’ April 1994 bi protest gudizjarju kontra l-MIMCOL u l-MDC, is-socjetajiet Taljani apparti li talbu d-danni ddikjaraw li kienu rrilaxxaw il-pussess tal-fabbrika, ghalkemm fl-istess protest jinghad li l-makkinarju impurtat minnhom f’Malta kien gie rilaxxat u kien jinstab fil-fabbrika, u illi MIMCOL kienet qalet li mhix ser taccetta r-responsabbilta ghal manutenzjoni tal-istess makkinarju.

“Nonostante dan il-protest fil-25 ta’ April 1994 (cioe kwazi xahar wara li kien skada l-ftehim ta’ Lulju 1993) il-MIMCOL u l-MDC ghall-interess li jista’ jkollha baghtet ittra ufficjali lis-socjetajiet Taljani fejn gew mitluba biex fi zmien hmistax jiddikjaraw kienux bi hsbiehom ikomplu bil-gestjoni tal-fabbrika skond il-ftehim ta’ Lulju 1993 u fin-nuqqas l-makkinarju tas-socjetajiet Taljani kien ser jigu depozitat fil-Qorti biex il-fond jigi negozjat ma terzi.

“Wara dan kien hemm xi skambji gudizjarji ohra sakemm saret il-prezenti kawza u fil-fratemp il-makkinarju gie depozitat fil-Qorti.

“Dawn fil-qosor kienu l-fatti li johorgu mill-iskambji dokumentarji, u in parti mix-xiehda tal-partijiet interessati.

“**Ligi**

"L-azzjoni attrici hi msejsa purament fuq ksur da parti tas-socjeta' intimata ta' obbligi minnha assunti fil-konfront tas-socjetajiet rikorrenti fil-ftehim tas-26 ta' Lulju 1993, u konsegwenti responsabbilta ghad-danni.

"Jinghad qabel xejn li htija kuntrattwali tippresuzzjoni obbligazzjoni pre ezistenti li maghha hi marbuta l-htija (**Vassallo vs Mizzi et 9/4/1949 Vol. XXXIII.II.379**). L-estensjoni ta' tali responsabbilta kuntrattwali tinkludi skond il-ligi anki htija hafifa. Bhala punt ta' dritt il-piz tal-prova li titfa' l-htija hi mixhuta fuq min jallegha billi min qed jiddefendi ghal tali akkuza ma ghandu ebda obbligu li jaghmel xi prova negattiva.

"In kwantu ghal dak miftiehem sabiex imbaghad wiehed jasal biex jiddetermina jekk kienx hemm nuqqas jew ksur, fis-sentenza fl-ismijiet "**General Cleaners Limited vs Accountant General et** (29 ta' Novembru 2001) intqal bhala principju generali, l-ligi u senjatament l-**artikolu 1002 tal-Kodici Civili** jghid illi "*Meta l-kliem ta' konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghal interpretazzjoni*".

> "*Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda*".

"Huwa wkoll principju stabbilit illi *contra scriputum non scriptum testimonium non fertur* (ara s-sentenza **Callus vs Micallef** 12 ta' Dicembru 2001), u prova testimonjali kontra jew in aggunta ghal kontenut ta' att miktub hi talvolta ammessa biss biex tikkjarifika l-intenzjoni tal-partijiet meta dik hi espressa b'mod ambigwu (**Beacon vs Spiteri Staines**, App Civ 5.10.1998).

"Madankollu ma jistax ma jinghatx ukoll importanza ghal principju ennuncjat fl-artikolu 993 tal-Kodici Civili li hu etiku gust u legali cioe li l-kuntratti ghadhom jigu ezegwiti in *bona fede* u jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom izda wkoll ghal-konsegwenzi li jgib maghha l-obbligazzjoni skond ix-xorta taghha bl-ekwita, l-uzu u bil-ligi (**Cefalu et vs Gauci nomine Vol. LXXX.IV.1359** u hafna ohrajn).

“**Apprezzament tal-Fatti**

“Tajjeb illi dawn il-principji legali u gurisprudenzjali jigu applikati ghal kaz in ezami. Qari akkurat tal-ftehim redatt bejn il-kontendenti fis-26 ta’ Lulju 1993 johrog dawn il-punti:

“1. Sar ftehim ta’ gestjoni bejn is-socjeta’ MIMCOL li kienet azzjonista maggoritarja tal-Malta Foundry Limited, liema kumpanija kienet tiggestixxi fonderija f’fabbrika industrijali;

“2. Is-socjetajiet Taljani nghataw l-opzjoni sal-31 ta’ Marzu 1994 sabiex jixtru l-apparat u makkinarju ezistenti fil-fabbrika bil-prezz prekonvenut ta’ Lm100,000 u l-istock li jkun hemm a bazi ta’ prezz ukoll li kien determinabbli mill-kuntratt ta’ xiri. Is-socjetajiet Taljani obbligaw ruhhom ukoll illi jingaggaw 16-il impjegat li gia kienu jahdmu fil-Malta Foundry jekk jezercitaw l-opzjoni;

“3. Is-socjetajiet Taljani obbligaw ruhhom li jivversaw is-somma ta’ Lm65,000 f’manutenzjoni tal-apparat bhala s-sehem taghhom ghal gestjoni u ghal bqija ma kellhom x’jaqsmu xejn mal-kontabilita u working capital tal-kumpanija. In korrispettiv l-qliegh fil-perjodu tal-gestjoni kellu jinqasam nofs bin-nofs bejn il-partijiet;

“4. Kemm-il darba l-opzjoni tigi ezercitata, is-socjetajiet Taljani obbligaw ruhhom li jaghmlu programm ta’ modernament inkluz tal-impjanti ezistenti u dan fl-interess taghhom u kellhom jgawdu mill-ghajnuna li l-ligi Maltija tipprovdi ghal tali inizjattivi industrijali u dwar din l-ahhar parti s-socjeta’ MIMCOL impenjat ruhha biex tassistihom. Tali programm ta’ ammodernament kellu jibda fis-sehh fi zmien tnax-il xahar wara li s-socjetajiet Taljani isiru proprjetarji tal-fond mnejn kienet qed topera l-Malta Foundry u fl-istess kuntratt jizdied li l-MIMCOL kellha tassisti lis-socjetajiet Taljani fl-isforzi taghhom biex jakkwistaw l-enfitewsi temporanja tal-fabbrika minghand l-MDC bil-prezz ta’ Lm300,000. Jekk tali enfitewsi ma ssehhx fit-terminu, il-MIMCOL, safejn kien kompetenti ghaliha, kellha tikkoncedi sullokazzjoni tal-fabbrika bil-kera ta’ Lm14,000 fis-sena.

“Dan kien il-bazi tal-fehim. Ir-retroxena warajh u li dwaru kienu konsapevoli l-partijiet kollha kien illi l-ftehim ta’ gestjoni kien intiz bhala prova da parti tas-socjetajiet Taljani biex jifthu jew jifirxu negozju ta’ fonderija f’Malta, u ghalhekk sar it-terminu msemmi fil-ftehim tas-26 ta’ Lulju 1993. Bl-istess il-partijiet kienu ben konsapevoli illi l-Malta Foundry Limited li kienet rapprezentata mill-MIMCOL ma kellhiex titolu fuq il-fabbrika li minnha kienet topera w illi tali titolu kien f’idejn l-MDC in rapprezentanza tal-gvern ta’ Malta. Il-ftehim tas-26 ta’ Lulju 1993 jaghmel din id-distinzjoni b’mod car. Iz-zewg partijiet tal-ftehim cioe dak tal-opzjoni ghax-xiri ta’ makkinarju u stock u dak ghall-akkwist bi kwalsiasi titolu tal-fabbrika kienu distinti minn xulxin u mhux dipendenti minn xulxin. Mhux hekk biss izda l-MIMCOL obbligat ruhha li tassisti fl-akkwist tal-enfitewsi u fin-nuqqas li tikkoncedi sullokazzjoni fejn dan kien kompetenti minnha. Jirrizulta illi fil-fatt is-socjetajiet Taljani la akkwistaw il-makkinarju u stock u anqas akkwistaw xi titolu fuq il-fabbrika. Huma qed jallegaw li dan sehh ghax il-MIMCOL kisret kundizzjoni/kundizzjonijiet tal-kuntratt. Sta ghas-socjetajiet Taljani li jippruvaw in-nuqqas da parti tal-MIMCOL. Jidher li qabel ma gie ffirmat il-ftehim ta’ Lulju 1993 kienu gia saru xi laqghat bejn is-socjetajiet Taljani u l-MDC dwar il-proprjeta li minnha kienet gestita l-fonderija pero ma ntlahaq ebda ftehim. Meta gie ffirmat il-ftehim ta’ Lulju 1993 dan kien stat ta’ fatt ben rikonoxxut mill-partijiet. Il-lanjanza principali tas-socjetajiet Taljani kienet illi kien hemm nuqqas ta’ fiducja minhabba atti ostili fil-konfront taghhom li sehhew fil-perjodu ta’ gestjoni. Dawn kienu l-ghidut sa minn Novembru 1993 u wara ufficjalment, li fil-bidu ta’ Frar 1994 l-MDC kienet ser tirriprendi pussess tal-fabbrika nonostante l-ftehim ta’ gestjoni li s-socjetajiet Taljani kellhom mal-MIMCOL u iktar ’l quddiem fi Frar, il-makkinarju gdid li kienu xtraw u importaw f’Malta ma thalliex jittiehed fil-fabbrika, u anqas ma thallew li jaghmlu ordnijiet godda li jmorru lil hinn mill-ahhar ta’ Marzu 1994. Tali fatti, skond is-socjetajiet Taljani kien qed jivvjola l-ftehim ta’ Lulju 1993 u kwindi rrenda inezegwibbli l-ftehim li ghalih il-MIMCOL kienet suxxettibbli ghad-danni.

“Il-Qorti tifhem illi l-iskop tal-ftehim ta’ gestjoni raggunt bejn il-partijiet kien intiz biex f’kaz ta’ rizultati pozittivi, is-socjetajiet Taljani jibdew joperaw f’Malta, possibilment mill-istess fabbrika mnejn kienet qed tigi operata l-Malta Foundry. Pero kien car mill-bidu nett ghaz-zewg partijiet, kif anki rifless mix-xiehda u l-ftehim innifsu illi l-gestjoni tal-fonderija li kienet tispetta lil Malta Foundry Limited kienet distinta mill-proprjeta mnejn kienet qed issir il-gestjoni li kien proprjeta tal-gvern ta’ Malta u amministrata mill-MDC, enti differenti u distinta mill-MIMCOL. Meta s-socjetajiet Taljani ffirmaw il-ftehim ta’ Lulju 1993 l-obbligu tal-MIMCOL fil-kuntest tal-proprjeta kienu ben delinjati fl-istess ftehim fl-artikoli 9 u 10. Il-kwistjoni li qamet qatt ma kienet dwar il-ftehim ta’ gestjoni fejn is-socjetajiet Taljani urew l-intenzjoni li jakkwistawha skond il-ftehim ta’

Lulju 1993 u l-MIMCOL ukoll ma ghamlet xejn biex tostakola din il-parti tal-ftehim. Ix-xhieda li riassunt taghha gie rappurtat aktar 'l fuq ma thallix dubbju dwar dan. Allura jekk is-socjetajiet Taljani iridu jakkollaw responsabbilta lil MIMCOL ghal nuqqas ta' akkwist tal-proprjeta bi kwalsiasi titolu iridu jippruvaw responsabbilta ai termini tal-obbligi assunt mill-MIMCOL f'dan ir-rigward. Dawn l-obbligi kienu (1) li jassistu lis-socjetajiet Taljani fl-isforzi taghhom biex jakkwistaw l-enfitewsi temporanja tal-fabbrika okkupata mill-Malta Foundry Limited minghand l-MDC jew (2) jekk ma javverax ruhu dan l-akkwist il-MIMCOL, safejn kien kompetenti ghaliha, tikkoncedi sullokazzjoni tal-fabbrika ghal prezz ta' Lm14,000 fis-sena.

"In kwantu ghall-ewwel ipotesi s-socjetajiet Taljani qatt ma ghamlu xejn, u dan jirrizulta mix-xiehda ta' Orazio Amato sabiex, fil-perjodu ta' gestjoni, jakkwistaw l-enfitewsi tal-fabbrika. L-obbligu tal-akkwist kien fuqhom, mhux fuq il-MIMCOL. L-obbligu tal-MIMCOL kien li jassistihom cioe jghinhom u ma jfixkilhomx fil-possibilta ta' tali akkwist. L-obbligu tal-MIMCOL kien li ma jostakolawx lis-socjetajiet Taljani fl-isforzi taghhom ghall-akkwsit tal-fabbrika mhux li tehodha fuqha li tipprovdi tali akkwist. Il-fatti juru illi l-MIMCOL bl-ebda mod ma ostakolat lis-socjetajiet Taljani li minn naha taghhom pero ma ghamlu xejn biex jattiraw trattativi ghal akkwist fil-perjodu ta' gestjoni. Hu minnu illi l-MDC sa minn Novembru 1993 uriet l-intenzjoni taghha li tirriprendi pussess tal-fabbrika u dan jista' jinghad b'nuqqas fil-konfront tal-MIMCOL li ovvjament ma setghetx tkun konsapevoli a priori x'kien ser jigri, u li s-socjetajiet Taljani kienu ser jitpoggew f'diffikulta jekk iridu jsibu fond alternattiv mnejn joperaw. Pero l-MIMCOL ma kellha ebda kontroll fuq l-MDC li kienet entita ghal kollox differenti. Madankollu hareg mix-xiehda illi l-MIMCOL ippruvat bil-mezzi li kellha biex tassisti lis-socjetajiet Taljani biex jakkwistaw b'xi mod titolu fuq il-fond. Infatti jirrizulta illi fil-perjodu fejn Anthony Diacono kien chairman tal-MIMCOL u dan qabel l-iskadenza tal-opzjoni, is-socjetajiet Taljani gew infurmati illi l-fabbrika setghet tigi mikrija lilhom bi prezz li kellu jigi miftiehem u sahansitra bl-opzjoni li s-socjetajiet Taljani jikru dik il-parti necessarja ghalihom biex jissoktaw bl-operazzjonijiet taghhom. L-obbligu ta' assistenza da parti tal-MIMCOL ma jidhirx mill-atti li naqsu fih.

"In kwantu ghat-tieni obbligu cioe li l-MIMCOL tissulloka hi lis-socjetajiet Taljani l-fabbrika hi stess bil-prezz prekonvenut ta' Lm14,000 fis-sena jekk il-kuntratt ta' cens ma jsehhx, tali obbligu kien marbut bil-kliem 'per quanto di sua competenza'. Dawn il-kliem ifissru hafna ghax juru illi l-partijiet kienu jafu bin-nuqqas ta' titolu li kellha l-MIMCOL u l-uniku rabta li hadet fuqha l-MIMCOL kienet illi hi tissulloka jekk f'idejha jkollha l-kirja, liema obbligu seta' javvara ruhu biss kemm-il darba l-MDC turi l-interess li tikri lil MIMCOL l-

istabbiliment. Dan qatt ma kien fattibbli billi l-MDC riedet tiehu pussess lura tal-fabbrika u ma jistax jinghad li l-MIMCOL bl-agir taghha tilfet okkazjoni ta' kiri b'detriment tal-obbligu taghha lejn is-socjetajiet Taljani. Id-diskrezzjoni ta' x'isir bil-proprjeta tal-fabbrika kienet f'idejn esklussivi tal-MDC mhuix il-MIMCOL, kif inghad, zewg entitajiet distinti minn xulxin fejn il-MIMCOL ma kellha ebda poter decizjonali fuq l-operat tal-istess MDC. Inoltre sa mill-bidu kien car li l-iskop tal-ftehim ta' Lulju 1993 kien li s-socjetajiet Taljani jidhlu ghal negozju ta' fonderija f'Malta flok il-Malta Foundry Limited li kienet sejra hazin u mhux ser tkompli tiggestixxi negozju ta' fonderija. Ghalhekk ma kienx probabbli li l-MIMCOL ser tinghata xi titolu ta' kera fil-fabbrika. Hu wkoll probabbli li s-socjetajiet Taljani kienu a konoxxenza ta' dan.

"Fl-ebda stadju la qabel u anqas waqt il-perjodu ta' gestjoni, l-MIMCOL qatt weghdet jew uriet li kien fil-poter taghha jew assumiet hi xi responsabbilta fil-konfront tas-socjetajiet Taljani li jmorru oltre mill-ftehim ta' Lulju 1993.

"Din il-Qorti hi konvinta li minn dan l-aspett tal-vertenza l-MIMCOL ma kisret ebda kundizzjoni assunta minnha fil-konfront tas-socjetajiet Taljani fil-parametri tal-akkwist tal-proprjeta mnejn kienet gestita l-fonderija. Tant hu hekk illi Orazio Amato li kien l-manager tal-fonderija fil-perjodu tal-gestjoni u rapprezentant tas-socjeta Sicilfond ighid fix-xiehda tieghu a fol. 235 tal-process illi l-MIMCOL sostniethom fl-inizjattivi biex ikomplu jezercitaw l-opzjoni fil-fonderija u li kienet l-MDC li riedet il-proprjeta lura. Iktar 'l quddiem jikkonferma illi l-MIMCOL qatt ma ghamlet impedimenti dwar il-gestjoni. Anki Dottor Pitanza rapprezentant tal-Brumital fl-ittra tieghu tal-31 ta' Marzu 1994 (a fol. 72 tal-process) ighid bl-iktar mod skjett illi dak li jahti ghal nuqqas ta' fiducja li s-socjetajiet Taljani kellhom fil-prosegwiment tal-attivita taghhom f'Malta kien il-gvern ta' Malta li kien qed jestromettihom milli jkomplu jahdmu f'Malta.

"Dawn id-dikjarazzjonijiet imorru kontra l-allegazzjonijiet migjuba mis-socjetajiet attrici dwar ksur tal-kuntratt da parti tal-MIMCOL.

"Is-socjetajiet Taljani pero igibu bhala kunsiderazzjoni ghal ksur tal-kuntratt da parti tal-MIMCOL il-fatt li s-socjetajiet Taljani impurtaw makkinarju gdid (ghalkemm jekk kienx gdid jew le l-partijiet ma jaqblux) u ma thalliex jittella mid-dwana ghal certu perjodu u li ma thallewx jaghmlu ordnijiet godda oltre l-31 ta' Marzu 1994. Dan kien ksur tal-ftehim u l-MIMCOL hi responsabbli ghad-danni sofferti.

"Hawn ukoll il-Qorti trid taghmel referenza ghal ftehim bejn il-partijiet. Is-socjetajiet Taljani kellhom jaghmlu investiment gdid fil-fabbrika entro tnax-il xahar wara li s-socjetajiet Taljani jsiru proprjetarji tal-fondi mnejn kienet topera l-Malta Foundry u ovvjament wara l-ezercizzju tal-opzjoni u ffirmar tal-ftehim finali ta' akkwist tal-makkinarju u stock ezistenti fil-fabbrika.

"Jirrizulta mill-fatturi esebiti datati Ottubru u Dicembru 1983 u dokument tad-dwana Maltija (Dok. MC fol. 337) illi fi Frar 1994 wasal makkinarju f'Malta tas-socjetajiet Taljani u nzamm id-dwana mill-MIMCOL, b'valur dikjarat ta' Lm304,000.

"Hu minnu kif ighidu s-socjetajiet Taljani, makkinarju ma jinxtarax millum ghal ghada, pero l-ftehim ta' Lulju 1993 iffirmawh l-istess socjetajiet Taljani u l-kundizzjoni tal-akkwist ta' makkinarju gdid kien soggettat ghall-akkwist tal-fabbrika. Kwindi l-akkwist da parti tas-socjetajiet Taljani ta' makkinarju gdid qabel li avverat ruhha l-kundizzjoni tal-akkwist kien fl-ahjar ipotesi, prematur u vjolazzjoni tal-ftehim u kwindi l-MIMCOL kienet fid-dritt li tirrifjuta li l-makkinarju jittiehed fil-fabbrika. Din il-Qorti pero tirraviza nuqqas serju da parti tas-socjetajiet Taljani li assumew fuqhom riskju kbir ta' akkwist ta' makkinarju w iktar l-importazzjoni tieghu f'Malta meta sa minn Novembru 1993 kienu jafu li jezistu problemi serji dwar l-akkwist da parti taghhom tal-fond minhabba l-intenzjonijiet manifestati mill-MDC li juzaw il-fond ghal skop iehor. Dan l-agir tas-socjetajiet Taljani esponihom ghal possibilta ferm realistika li jistghu jsibu ruhhom fil-pozizzjoni li fl-ahhar ta' Marzu 1994 huma kellhom id-dritt tal-avvjament tal-Malta Foundry Limited bil-makkinarju u stock minghajr ma ghandhom sit mnejn joperaw Din il-Qorti hi konvinta mill-provi illi l-ftehim ta' Lulju 1993 wera b'mod car li s-socjeta' MIMCOL ma setghet taccetta ebda responsabbilta ghal kwalsiasi akkwist ta' makkinarju da parti tas-socjetajiet Taljani <u>qabel</u> ma jigi konkluz ftehim dwar il-fond fejn prezumibbilment kellu, jithaddem tali makkinarju. Meta s-socjetajiet Taljani xtraw u importaw il-makkinarju lejn Malta, assumew riskju li kienu jafu kien jivvjola l-ftehim u jista' jwassal 'l quddiem ghal hsara u detriment ghalihom jekk ma jigix konkluz ftehim dwar is-sit fejn ser jithaddem il-makkinarju w assumew ir-riskju ben konsapevoli ta' dan. L-artikolu 1132 infatti jaccenna ghal principju li kull parti hu tenut li juza d-diligenza ta' <u>*bonus pater familias*</u> fl-esekuzzjoni ta' obbligazzjoni. Dan il-grad ta' diligenza jiddetermina l-misura tal-kondotta tad-debitur ta' obbligazzjoni fl-esekuzzjoni tal-prestazzjonijiet tieghu tenut rigward tan-natura tar-rapport bejn il-partijiet u c-cirkostanzi li jiddeterminawh (ara **Go plc vs Hydrorocks Contractors Co. Ltd.** App Inf 6.10.2010). Bla dubju l-agir

tas-socjetajiet Taljani a rigward kif ukoll l-affirmazzjoni taghhom li huma ghalqu l-operazzjonijiet taghhom fi Sqallija biex jigu Malta f'dan l-isfond ta' avvenimenti jaqa' lura hafna mill-grad ta' diligenza rikjesta mill-ligi. Lanqas ma jista' jinghad li s-socjeta' MIMCOL bl-agir jew nuqqas taghha sfrattat b'xi mod l-akkwist bi kwalisasi titolu tas-sit favur is-socjetajiet Taljani li fil-pozittiv setghet esponiet li MIMCOL ghal azzjoni ghad-danni.

"Jirrizulta illi l-makkinarju ittella fil-fabbrika mill-MIMCOL minghajr ebda assunzjoni ta' responsabbilta da parti taghha u dan fi zmien meta kien ghadu possibbli ghas-socjetajiet Taljani jakkwistaw titolu ta' kera fuq il-fond kif jidher mill-ittri tal-MIMCOL u l-laqgha li saret Sqallija qabel l-ahhar ta' Marzu 1994 fejn attendew rapprezentanti tal-MIMCOL u MDC. L-makkinarju gie depozitat fil-Qorti mill-MIMCOL xhur wara u meta l-MIMCOL anki sal-ahhar ta' April 1994 wara l-iskadenza tal-opzjoni kienu ghadhom qed ihallu l-bieb miftuh lis-socjetajiet Taljani biex jezercitaw l-opzjoni, bil-possibilta ta' kirja fuq il-fond u meta l-makkinarju kien f'dan iz-zmien fil-fabbrika. F'din il-parti tal-ventenza ghalhekk jirrizulta illi kwasiasi hsara sofferta mis-socjetajiet Taljani giet indotta minnhom stess minhabba nuqqas ta' tharis tal-obbligi tal-ftehim u f'dan il-kaz tapplika fil-konfront taghhom il-massima *quod quis ex culpa damnum sentet, non intellegitur damnum sentite*.

"Lanqas jista' jinghad li l-MIMCOL kissret il-ftehim ta' Lulju 1993 meta hi zammet lil Malta Foundry Limited milli taghmel ordnijiet oltre l-ahhar ta' Marzu 1993 meta l-istess socjetajiet Taljani kienu qed juru titubanza serja li jaddivjenu ghal ftehim finali. Tali pozizzjoni da parti tal-MIMCOL kienet gustifikata fic-cirkostanzi billi ma kienx hemm l-intenzjoni li l-Malta Foundry Limited tkompli tezercita attivita kummercjali kemm-il darba jonqos il-ftehim finali mit-Taljani u ma riditx tigi mghobbija b'pizijiet li hi ma setghetx u ma kienitx f'pozizzjoni li tiggarantixxi.

"Din il-Qorti ma tarax kif il-MIMCOL tista' tinghad li gabet ruhha b'mod li kisret il-kundizzjonijiet tal-ftehim. Anzi ghamlet, sa fejn kellha drittijiet, dak kollu li setghet biex tiffacilita l-akkwist tal-immobbli lis-socjetajiet Taljani u fil-fatt jidher mill-ittri esebiti illi s-socjetajiet Taljani kienu f'pozizzjoni jaghmlu anki tali akkwist, ghalkemm din il-Qorti terga taghmilha cara, li dan l-akkwist ghalkemm bla dubbju, importanti ghas-socjetajiet Taljani fil-gestjoni tal-attivita tal-fonderija, ma kienx dipendenti ghal chiusura tal-ftehim raggunt bejn il-partijiet skond il-ftehim ta' Lulju 1993.

"Nonostante dan, jirrizulta mill-ittra ufficjali tal-5 ta' April 1994 illi kienu s-socjetajiet Taljani li marru lura mill-akkordju u fil-laqgha li saret Sqallija f'Marzu hareg car illi s-socjetajiet Taljani kellhom ripensament serju fuq l-akkwist miftiehem f'Lulju 1993 u riedu jsibu mezzi alternattivi biex johorgu mill-ftehim li kellhom mal-MIMCOL u fl-istess hin jakkwistaw lura l-ispejjez li ghamlu, uhud minnhom skond il-ftehim u ohrajn meta ma kellhomx id-dritt u jaghmluhom qabel certa data specifika. Huma hargu bil-kundizzjoni gdida li huma riedu jkomplu bil-gestjoni tal-Malta Foundry Limited f'Malta kemm-il darba il-Gvern ta' Malta jkollu 49 fil-mija tal-ishma. Tali kundizzjoni qatt ma kienet tifforma parti mill-ftehim la dak ta' Lulju 1993 u anqas f'ebda hin wara. Kien car li s-socjetajiet Taljani ma riedux f'dak il-perjodu partikolari, jaccettaw aktar la li juzaw l-opzjoni miftehma u anqas li jakkwistaw kwalsiasi titolu offert fuq il-fond fejn kienet tinsab il-fabbrika. Hu ghal kollox illogiku li f'dan l-isfond li l-istess socjetajiet Taljani jippretendu li jigu risarciti ghall-infieq kollu maghmul minnhom u telf ta' qliegh futur meta wara li ezercitaw l-opzjoni fit-12 ta' Jannar 1994 u meta, avvolja ma kienx strettament vinkolanti fuq tali ftehim kellhom l-opportunita li jakkwistaw titolu fuq il-fond mnejn kien qed tigi gestita l-fonderija, l-imgieba taghhom stess waslet ghal tmiem il-ftehim raggunt fis-26 ta' Lulju 1993.

"Anki kieku stess jista' jinghad ghal grazzja tal-argument li b'xi mod, ghalkemm mhux pruvat, il-MIMCOL naqset minn xi obbligu taghha, xorta wahda dawn l-osservazzjonijiet fuq imfissra jwasslu ghar-riflessjoni ta' dik ir-raguni guridika li tinzel mill-principju *inademplenti non est ademplendum*, jigifieri li "jekk wiehed hu inadempjenti u jivvjola l-obbligu tieghu *di fronte* ghal-kontraent l-iehor ikun immorali li huwa jitlob l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet kontra dak li ghamel dik il-vjolazzjoni meta hu stess isib ruhu fl-istess kondizzjoni, ghaliex da parti tieghu hemm vjolazzjoni ohra tal-kuntratt (ara **Celestino Muscat vs Giovanni Attard et** App Civ 3.6.1938).

"In fatti juru illi l-ftehim kien car bejn il-partijiet u illi l-MIMCOL f'dak kollu li ghamlet agixxiet *in buona fede* u adempjiet l-obbligi taghha fil-parametri tal-ftehim b'mod li ebda responsabbilta ma tista' tigi mitfugha fuqha ghal dak kollu allegatament soffert mis-socjetajiet Taljani."

Rat ir-rikors tal-appell tal-atturi li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu:

> "… … … li s-sentenza mghotija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-8 ta' Lulju 2011, fil-kawza fl-ismijiet fuq permessi tigi revokata billi jigu milqugha t-talbiet tal-atturi nomine bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` konvenuta appellata."

Rat ir-risposta tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, tissottometti illi:

> "… … … l-appell tal-kumpanniji appellanti ghandu jigi michud fl-intier tieghu u s-sentenza tal-ewwel Onorabbli Qorti ghandha tigi kkonfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-kumpanniji appellanti."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi din hi kawza naxxenti minn skrittura privata, redatta bil-lingwa Taljana, iffirmata mill-partijiet fis-26 ta' Lulju, 1993, li bih tpogga f'idejn is-socjetajiet esteri t-tregija tal-Malta Foundry soggett ghal diversi kundizzjoniet. Fil-qosor, l-elementi essenzjali tal-ftehim huma dawn:

1. Illi s-socjetajiet esteri jiehdu f'idejhom it-tregija tal-fonderija bi ftehim dwar qsim ta' spejjez u tal-profitti; il-ftehim ikopri perjodu ta' bejn id-9 ta' Awwissu 1993 u l-31 ta' Marzu, 1994.

2. Illi sa qabel l-ahhar ta' Marzu 1994, is-socjetajiet esteri kellhom l-ghazla illi jixtru (i) il-makkinarju kollu li jinsab gewwa l-fonderija fuq bazi tale quale ghall-prezz miftiehem tal LM100,000 u (ii) l-istock kollu tal-istess fonderija skont il-valur tal-istess stock fiz-zmien illi jinxtara.

3. Illi dan id-dritt ta' ghazla kien soggett ghall-kundizzjoni illi (i) jiehdu responsabbilita` ghal minn tal-inqas sittax-il impjegat tal-kumpanija, u (ii) jaghmlu a spejjez taghhom programm ta' xiri ta' makkinarju u taghmir gdid sabiex il-fonderija tigi modernizzata.

4. Illi, pero`, dan l-ahhar programm kellu jsir biss "*dopo che la Brumital/Sicilfond diventera` proprietario dello stabilimento dove sono attualmente i macchinari*"'.

Din l-ahhar kundizzjoni saret peress li kien maghruf bejn il-partijiet kollha li s-sit minn fejn kienet topera l-fonderija la kien tal-Malta Foundry u lanqas tal-MIMCOL, b'mod li dawn ma setghux jaghtu drittijiet reali fuq l-istess sit. Fil-fatt, fuq l-istess ftehim il-MIMCOL intrabtet biss illi, sa fejn tista', tassisti lis-socjetajiet esteri fl-isforzi taghhom biex jakkwistaw titolu fuq is-sit. Gie miftiehem ukoll, illi f'kaz li s-socjetajiet esteri ma jirnexxielhomx jakkwistaw

titolu fuq is-sit, il-MIMCOL "*per quanto di sua competenza concedera` la sublocazione della stabilimento*".

Jirrizulta li l-istabiliment hu mikri lill-Metalfond Ltd., kumpanija fi stat ta' insolvenza, u hi proprjeta` tal-Gvern, amministrata mill-Malta Development Corporation (l-MDC). Is-socjeta` Malta Foundry kienet qed tuza l-fabbrika b'tolleranza biss.

L-ewwel Qorti, wara li annalizzat dan il-ftehim bid-debita dettal, cahdet it-talbiet attrici wara li kkonkludiet illi s-socjeta` konvenuta bl-ebda mod ma kisret xi obbligu li hi assumiet fuq il-ftehim tas-26 ta' Lulju, 1993.

Is-socjetajiet esteri appellaw mis-sentenza u jallegaw illi kienet is-socjeta` konvenuta li unilateralment itterminat il-ftehim b'ittra tal-1 ta' Frar 1994 (qabel l-iskadenza tieghu) u jattribwixxu mala fede lill-istess socjeta`.

Trattat l-appell, din il-Qorti tibda biex tirrileva li l-MIMCOL u l-MDC huma entitajiet differenti. It-tnejn huma tal-gvern, pero`, ghandhom identita` separata u funzjoni differenti. Is-socjetajiet esteri dan kienu jafuh ghax meta avvicinaw lill-MIMCOL bl-interess taghhom li jmexxu l-fonderija, u wrew ix-xewqa li jixtru l-fond minn fejn kienet topera l-Malta Foundry, gew indirizzati

lejn l-MDC u n-negozjati dwar il-possibbli akkwist tal-fond saru bejn is-socjetajiet esteri u l-MDC. Bejn dawn l-ahhar partijiet ma ntlahaqx ftehim ghall-bejgh u xiri tal-fond, u, kien ghalhekk li sar il-ftehim imsemmi tas-26 ta' Lulju, 1993, li bih is-socjeta` konvenuta ikkoncediet li setghet, cioe`, it-tregija tan-negozju tal-fonderija.

Kif inhu redatt il-ftehim, hu car li l-kontinwazzjoni tal-operazzjoni fil-fonderija mis-socjetajiet esteri kien jiddependi minn ftehim li dawn kellhom jilhqu mal-MDC ghall-uzu tal-istabiliment. Huma nghataw it-tregija tan-negozju ghal zmien qasir u limitat, b'dan li kellhom ghazla jdawwru l-arrangament ghall-wiehed aktar fit-tul. Biex setghu jaghmlu dan riedu jixtru l-istock u l-makkinarju u jiehdu responsabbilita` ghal min tal-inqas sittax-il impjegat. Dan, pero`, kien ikkondizzjonat mat-tfassil ta' programm ghall-imodernizzar tal-fabbrika. Din l-ahhar kondizzjoni kienet, min-naha taghha, dipendenti fuq l-akkwist tas-sit minghand l-MDC. Fi kliem iehor, jekk is-socjetajiet esteri riedu jezercitaw l-opzjoni u jibqghu joperaw minn Malta, riedu, l-ewwel, jakkwistaw il-fond minghand l-MDC, u wara, ifasslu programm ghall-immodernizzar tal-fabbrika u jixtru l-makkinarju u l-istock ezistenti. Is-socjetajiet esteri ma rnexxielhomx jissuperaw l-ewwel pass u baqghu qatt ma ftehmu mal-MDC biex jakkwistaw titolu fuq il-fond.

Is-socjetajiet esteri jallegaw mala fede fil-konfront tal-MIMCOL, pero`, din il-Qorti, bhal l-ewwel Qorti qabilha, ma ssibx li saret prova ta' dan. Huma jghidu li, ghall-habta ta' Novembru 1993, semghu li l-gvern ta' Malta kien qed jistudja l-possibbilita` li jaghmel uzu divers tal-lokal ta' din il-fonderija. Hawn tajjeb li ijinghad li, ghalkemm il-gvern ghandu l-kontroll u l-ishma maggjoratorja fil-MIMCOL, hu ma kienx parti fil-ftehim tas-26 ta' Lulju, 1993 u ma kienx marbut bih; l-istess jista' jinghad ghall-MDC. Meta s-socjetajiet esteri baqghu ma hadux sodisfazzjon mill-awtoritajiet governattivi li maghhom qasmu dak li, skont huma, kienu semghu, fit-12 ta' Jannar, 1994, iddikjaraw li riedu jezercitaw l-ghazla. Dan, izda, ghamluh meta ghad ma kellhom ebda titolu fuq il-fond li kienet kundizzjoni precedenti ghall-ezercizzju tal-ghazla. Kien ghalhekk li fl-1 ta' Frar, 1994, il-MIMCOL baghtet ittra lis-socjetajiet esteri li ma kienx sejjer isir tigdid tal-ftehim wara l-31 ta' Marzu, 1994. Fil-fatt, il-MIMCOL kienet irceviet komunkazzjoni minghand l-MDC li riedet tiehu lura l-pussess tal-fabbrika wara l-31 ta' Marzu, 1994.

Din il-Qorti tapprezza li, f'dan kollu, kien hemm involut "il-gvern ta' Malta", pero`, ma jistax jinghad li s-socjetajiet esteri gew traduti mill-"gvern ta' Malta", u lanqas li ghad-danni li allegatament sofrew, ghandha taghmel tajjeb ghalih is-socjeta` konvenuta. Is-socjetajiet esteri kienu jafu li s-sitwazzjoni tal-fonderija ma kienitx f'idejn entita` wahda. Kien hemm il-gvern u l-politika (fis-sens ta' *policy*) tieghu, il-kirja favur Metalfond Ltd. (kumpanija b'interessi Maltin, Libjani u Algerini), u l-MIMCOL li kienet biss "*management company*" u

bla titolu fuq is-sit in kwistjoni. Dan kien kollu a konoxxenza tas-socjetajiet esteri, izda dahlet fi ftehim biss mal-MIMCOL, u minghajr ma hadet *commitment* mill-gvern u mill-MDC dwar il-futur. Is-socjetajiet esteri kienu ippruvaw jinnegozjaw mal-MDC ix-xiri tal-fond, izda ma qablux fuq il-prezz. Wara li gie iffirmat il-ftehim tas-26 ta' Lulju, 1993, is-socjetajiet esteri lanqas ippruvaw jidhlu f'negozjati mal-gvern ghall-akkwist tal-fond, u nonostante x-xnieghat li qalu li semghu, u bi ksur ta' kondizzjoni espressa fil-ftehim, qabdu u importaw makkinarju gdid bil-hsieb li jinstallaw l-istess fil-fabbrika li fuqha ma kellhom ebda titolu, hlief dak ta' tolleranza ghal zmien qasir. Dan kien agir unilaterali u abbuziv da parti tas-socjetajiet attrici, li ma jistghux jippruvaw jitfghu il-konsegwenzi fuq is-socjeta` konvenuta. Il-modernizzar tal-fabbrika kellu jsir <u>wara</u> li s-socjetajiet esteri jakkwistaw titolu fuq il-fond, u darba li agixxew meta ma kellhomx din il-karta f'idejhom *imputet sibi*.

Jirrizulta wkoll illi s-socjeta` konvenuta ippruvat issib soluzzjoni ghall-materja, izda s-socjetajiet esteri ma kienux disposti jaslu fi ftehim. Fis-17 ta' Marzu, 1994, il-MIMCOL kitbet lis-socjetajiet esteri u qaltilhom li rnexxiela tirranga sabiex huma jiehdu l-fond b'titolu ta' lokazzjoni (salv diskussjonijiet fuq l-ammont ta' kera), u b'ittra ohra tat-28 ta' Marzu 1994, il-MIMCOL kitbitilhom ittra ohra fejn assigurathom illi ser ikollhom il-liberta` ta' azzjoni f'Malta skont il-ftehim ta' Lulju 1993, u illi l-kwistjoni rimanenti kienet biss l-iffissar tal-kera. Is-socjetajiet esteri kellhom kull dritt jirrifjutaw din l-offerta, pero`, zgur ma jistghux jakkuzaw lis-socjeta` konvenuta meta din ghamlet minn kollox biex

tipprova tghin lis-socjeta` estera takkwista xi titolu fuq il-fond. Il-ftehim tas-26 ta' Lulju 1993 ma kienx ikopri l-uzu tal-fond wara l-31 ta' Marzu, 1994, lanqas xi forma ta' weghda ma kien hemm, u kien kompitu tas-socjetajiet esteri li jaraw li jakkwistaw titolu tajjeb ghalihom. Il-MIMCOL obbligat ruhha biss li tassistihom fl-isforzi taghha biex takkwista l-fond, pero`, kienu s-socjetajiet esteri li kellhom jithabtu ghal dak il-ghan. Dwar il-fond, is-socjetajiet esteri ma kellhom xejn f'idejhom wara l-ftehim ta' Lulju, 1993, u ebda entita` tal-gvern ma kien marbut jew "*committed*" li l-post jithalla f'idejn is-socjetajiet esteri – ara is-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Giuffrida v. Borg Olivier**, eventwalment ikkonfermata minn din il-Qorti fit-3 ta' Marzu, 1967. Koncepibbli jew mhux, il-fatt jibqa' li l-ftehim kien biss dritt moghti lis-socjetatjiet esteri biex jiggestixxu negozju ghal zmien limitat, u ma sar ebda ftehim dwar il-fond innifsu. Is-socjetajiet esteri kienu ben konxji bil-problemi madwar il-fond u xorta wahda dahlu ghall-ftehim bil-mod li sar.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi tiddisponi mill-appell tas-socjetajiet esteri billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza li tat l-ewwel Qorti fit-8 ta' Lulju 2011, bl-ispejjez kontra s-socjetajiet attrici appellanti.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------